# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tmien laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar il-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa u kwart ta' filgħaxija (5.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Frank Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Jean Paul Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seba' laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015.*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, s-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikazzjoni mis-Sindku*

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ma kellux komunikazzjonijiet xi jressaq.

## *4. Deċizjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-22 t'Ottubru 2015 Sa l-10 ta' Novembru 2015.*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab kummenti jew mistoqsijiet dwar il-lista ta' korrispondenza msemmija hawn fuq li ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

4.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-korrispondenza mibghuta minn GreenPak dwar it-tiġdid tal-kuntratt dwar l-iskart riċikabbli. Il-Kunsill approva unanimament li dan il-kuntratt jerġa jiġi mġedded għal tlett snin oħra bl-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt prezenti.

4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bit-titlu *WIFI Access Points* dwar proposta li jintgħażlu żewġ siti oħrajn fejn ikun hemm WIFI b'xejn. Il-Kunsill qabel unanimament li jipproponi Triq Nerik Sacco (ħdejn iċ-ċentru taż-Żgħażagħ) u fil-pjazza ta' Triq il-Marsa, bil-kundizzjoni li jekk il-Kunsill ikollu xi problemi minħabba din il-WIFI il-Kunsill jirriserva d-dritt li jneħħieh.

4.4 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mibgħuta minn Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita dwar jekk il-Kunsill hux interessat li bhas-snin preċedenti jagħmel reklam fuq il-kalendarju u d-djarju ta' l-ghaqda. Il-hlas huwa ta' €235. Barra minhekk is-servizz ta' arbli ghal zmien il-Milied jiswa €115. Il-Kunsill qabel unanimament li jirriklama fil-kalendarju u jaċċetta s-servizz ta' arbli fi żmien tal-Milied, sakemm tingħata irċevuta fiskali wara li jsir il-ħlas.

4.5 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ġibed l-attenzjoni dwar korrispondenza mibgħuta minn Leon Promotions sabiex tiġi organizzata attivita' relatata mal-Karnival fil-5 ta' Frar. Il-Kunsill approva unanimament li tiġi aċċettata l-proposta ta' Leon Promotions bil-prezz ta' Eur690, u li jalloka is-somma ta' Eur1,000 għal din l-attivita' (li jinkludi s-servizz mogħti minn Leon Promotions). Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer għandu jressaq programm tal-attivita' sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

4.6 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mibgħuta mis-Soċjeta Mużikali Banda Marija Reġina, dwar jekk il-Kunsill hux interessat li bhas-snin preċedenti jagħmel reklam fuq il-kalendarju u d-djarju ta' l-ghaqda. Il-hlas huwa ta' €150. Il-Kunsill qabel unanimament li jirriklama fil-kalendarju sakemm tingħata irċevuta fiskali wara li jsir il-ħlas.

4.7 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq korrispondenza mibgħuta mill-Marsa Regatta Club, dwar jekk il-Kunsill hux interessat li bhas-snin preċedenti jagħmel reklam fuq il-kalendarju. Il-hlas huwa ta' €250. Il-Kunsill qabel unanimament li jirriklama fil-kalendarju sakemm tingħata irċevuta fiskali wara li jsir il-ħlas.

## *5. Schedule of Payments 11/15*

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall- ħlas tagħhom kif ippreżentati. Is-Sur Frank Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha pprezenti.

## 6. Purchase Order 4125 - 4139

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Orders minn numru 4125 sa 4139 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. Purchase Request 3104 - 3119

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Requests minn numru 3104 sa 3119 għall- approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. Approvazzjoni ta' akkumulazzjoni ta' leave tas-Segretarju Eżekuttiv

8.1 L-Aġent Segretarju Ezekuttiv spjega li s-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, is-Sur Adrian Attard fadallu 96 siegħa biex jiġu akkumulati għas-sena 2016 u li kien meħtieġ li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali biex dan jiġi akkumulat.

8.2 Is-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' din l-akkumulazzjoni ta' 96 siegħa vacation leave mis-sena 2015 għas-sena 2016 tas-Sur Adrian Attard. Is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu u għaldaqstant it-talba ta' akkumulazzjoni ta' leave tas-Sur Adrian Attard ġiet approvata.

## 9. Performance Bonus tal-Impjegati

9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-performance appraisals tat-tlett impjegati klerikali tal-Kunsill. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li l-impjegati jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 6%. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 10. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Adrian Attard. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Adrian Attard jingħata il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot kien unanimu.

10.2 F'dan l-istadju, is-Sindku s-Sur Francis Debono xtaq jirringrazzja formalment lis-Sur Adrian Attard tas-servizz ta' aktar minn għoxrin sena li serva fil-Kunsill u tas-servizz li ta lill-Marsin. Is-Sindku kompla li r-riżultati pożittivi li kiseb il-Kunsill tul dawn is-snin kien ukoll grazzi għas-servizz li ta s-Sur Attard.

## *11. Bdil tal-firmatarju tal-Kunsill għal kontijiet bankarji u responsabbiltajiet oħra*

11.1 Is-Sindku Francis Debono informa lill-Kunsill li wara r-riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Adrian Attard u konsegwentament il-ħatra tas-Sur Kenneth Brincat bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv, jeħtieġ li l-Kunsill japprova din il-bidla fir-rispett tal-Firmatarju tal-Kunsill għal kontijiet bankarji u responsabbiltajiet oħrajn.

11.2 Il-Kunsill approva b'mod unanimu sabiex flok is-Sur Adrian Attard, il-firmatarju l-ġdid ikun is-Sur Kenneth Brincat li ġie maħtur mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bħala l-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Marsa. Kull transazzjoni bankarja għandha tkun iffirmata mill-Agent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Kenneth Brincat kif ukoll mis-Sindku is-Sur Francis Debono.

## *12. Tiġdid ta' Servizz ta' l-Impjegata Part-time*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippropona biex l-impjieg tal-impjegata Part-Time jiġi mġedded b'sitt xhur oħra peress li l-Kunsill għandu bżonn is-servizz ta' din l-impjegata partikolarment minħabba n-nuqqas ta' Segretarju Eżekuttiv full-time u jkun hemm bżonn ta' preżenza ta' din l-impjegata f'ċirkustanzi ta' pressjoni u nuqqas ta' staff. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit issekonda. Il-Kunsill qabel unanimament li dan l-impjieg jiġi mġedded b'sitt xhur.

## *13. Notice Board ħdejn il-Bini tal-Kunsill*

13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona sabiex issir *notice-board* ħdejn il-bini tal-Kunsil fuq il-pont sabiex il-Kunsill ikun jista' jwaħħal notifiki u avviżi importanti għall-interess tar-residenti f'din in-noticeboard. Il-Kunsillier Frank Zammit ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *14. Ħruġ ta' Kwotazzjonijiet għall-Website tal-Kunsill*

14.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono irrimarka li l-Kunsill jeħtieġ li jkollu Websajt ġdida u li għaldaqstant kien qed jipproponi sabiex tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet biex tiġi kkreata din il-websajt. Il-Kunsill qabel unanimament.

## *15. Laqgħa Annwali tal-Lokalita'*

15.1.Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar li skont il-liġi, il-Kunsill huwa obbligat li jsejjaħ il-laqgħa annwali tal-lokalita' qabel ma jiġi approvat l-Estimi Annwali. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Laqgħa Annwali tal-lokalita' tinżamm fid-29 ta' Jannar fis-7.00pm fis-Sala tal-Kunsill.

15.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono issuġerixxa biex fl-istess ġurnata qabel il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' jkun hemm taħdita dwar il-Marsa mill-Għaqda Storika Kulturali. Il-Kunsill qabel unanimament.

## *16. Talba lil Gvern fuq l-Għassa tal-Pulizija*

16.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lill-Kunsillier s-Sur Frank Zammit sabiex jiftaħ id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kien hu li ffissa appuntament għal-laqgħa dwar dan is-suġġett. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit informa lill-Kunsill li l-laqgħa se tinżamm fit-18 ta' Jannar fil-4.00pm, fejn il-Kunsill għandu jressaq huma sabiex il-Gvern jgħammar Għassa tal-Pulizija fil-Marsa minn fondi ewropej.

16.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono kompla li l-Kunsill għandu jinsisti li l-Għassa tal-Pulizija tal-Marsa għandha tiġi Distrett bħalma kienet fil-passat u li għandha tiġi mgħammra skont l-esiġenzi u in vista wkoll taż-żieda fil-kriminalita' fil-lokalita' fejn qed ikun hemm numru kbir ta' reati partikolarment serq u abbużi oħrajn.

16.3 F'dan l-istadju il-Viċi-Sindku Josef Azzopardi skuża ruħu mil-laqgħa minħabba impenji oħrajn. Qabel telaq talab biex il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tibda fis-6.30pm. Il-Kunsill qabel unanimament.

## *17. Attivita' tal-Iscouts f'Jum il-Marsa*

17.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li bħala parti mill-attivita' ta' Jum il-Marsa fis-17 ta' Jannar 2016 se ssir parata mill-Iscouts wara quddiesa fil-Knisja ta' Maria Regina fejn ikun hemm kant mill-Kor ta' Maria Regina u finalment ssir preżentazzjoni ta' Ġieħ il-Marsa. Il-Kunsill qabel unanimament.

## *18. Talba minn EASO*

18.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsill li rċieva talba sabiex isiru bollards temporanji quddiem il-bini tagħhom, fix-Xatt l-Għassara tal-Għeneb, li jitpoġġew kull darba li jkun hemm xi VIPs minħabba xi Summit jew Konferenzi li jiġu organizzati. Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din it-talba sakemm jottjenu il-permessi mill-awtoritajiet kompetenti u sakemm il-Kunsill jiġi infurmat qabel kull darba li jkunu se jitpoġġew dawn il-bollards.

## *19. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

19.1 Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit saqsa dwar jekk il-Kunsill huwiex infurmat dwar għidut li se jinfetaħ ċentru tax-xogħol għall-immigranti ftit aktar 'l isfel mill-Knisja Parrokjali. Is-Sindku s-Sur Francis Debono wieġeb li l-Kunsill ma ġiex infurmat b'dan u lanqas ma hemm xi informazzjoni li tissustanzja dawn l-għidut.

19.2 Il-Kunsillier s-Sur Frank Zammit saqsa dwar jekk il-Kunsill ġiex mistieden meta l-President ta' Malta għamlet żjara lill-monument tar-Repubblika f'Jum ir-Repubblika. Is-Sindku s-Sur Francis

Debono wieġeb li huwa ġie infurmat b'telefonata ftit minuti qabel iż-żjara u jidher li din kienet żjara spontanja.

19.3 Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit saqsa dwar jekk hemmx xi ħsieb biex solvuta l-problema tal-linji sofor li hemm ħdejn l-iskola Santu Wistin fi Triq l-Iskola. Wara diskusjoni fuq is-suġġet il-Kunsill qabel unanimament li se jistudja l-possibilta' li jsiru tabelli sabiex jkunu jistgħu jipparkjaw vetturi filwaqt li jkun riservat għat-Trasport tal-Iskola fil-ħinijiet tal-ħruġ u dħul tal-istudenti, u dan sabiex dan it-trasport tal-Iskola ma jibqax jipparkja fin-nofs u joħloq konġestjoni tat-traffiku.

19.4 Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer saqsa dwar jekk fil-ħruġ ta' permessi ta' skips il-Kunsill jistax jobbliga biex dawn ikunu mgħottija. Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-kundizzjonjiet għal dawn il-permessi huma stabbiliti bil-liġi fuq livell nazzjonali, iżda se jiġi vverifikat jekk il-Kunsill jistax iżied kundizzjonijiet oħrajn.

## *20. Aġġornament tal-Laqgħa*

20.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2016 fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30pm).

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa ta' filgħaxija (7.15pm)

Francis Debono
Sindku

Kenneth Brincat
Aġent Segretarju Eżekuttiv